# Tislima lill-Baruni

Aktar kmieni din is-sena, il-Gżira tilfet wieħed minn uliedha. Għalkemm ta' nisel Għawdxi, il-Baruni Kelinu Vella Haber għex fostna għal aktar minn 70 sena mill-100 sena tiegħu.

Għalina l-Gżirjani, il-Baruni Vella Haber kien aktar mid-drammaturgu, għalliem u edukatur kif kien magħruf ma' kulħadd. Għall Gżirjani kien ukoll missier li ta l-identità lill-beltna.

Kelinu Vella Haber twieled fl-1 t'Ottubru 1913 iben Lucius u Anna Buttigieg Grima. Studja fil-Kulleġġ San Alwiġi u l-Kulleġġ San Mark. Fl-1943 beda l-karriera tiegħu bħala għalliem fis-Seminarju tal-Isqof u l-Liċeo t'Għawdex.

Beda jikteb il-poeżija fl-1936 meta kien għadu student u ispirat minn Karmenu Vassallo.

Fl-1943 ħoloq dik li kien isejjaħ armata ta' ħbieb ta' Malta biex ikompli jkattar l-imħabba għall-ilsien Malti.

Kiteb u pproduċa bosta radjudrammi fuq ir-Rediffusion u matul il-karriera tiegħu rebaħ diversi premjijiet u unuri għax-xogħlijiet tiegħu fosthom il-premju *Malta Literary Awards* għar-riċerka.

Kelinu Vella Haber ħadem fil-qasam tal-agikoltura għal madwar 30 sena u kien *Senior Information Officer*.

Kien editur tar-rivisti *Il-Bidwi* u *L-Agrikoltura*, l-ewwel rivisti Maltin dwar is-suġġett. Kellu rabtiet mill-qrib mal-Gżira bħala belt u ħadem qatigħ biex jgħolli isimha. Meta kien Segretarju, u wara anki President tal-Kunsill Ċiviku tal-Gżira, irnexxielu jġib arma ċivika li tagħmel ġieħ lill-Gżira. Kien avviċina lid-Dar Irjali Aragoniża, u rnexxielu jikseb l-arma mingħand il-Prinċep Don Roberto Paternò II, Kap tal-Isem u tal-Armi tad-Dar Rjali Ayerbe Aragona.

*ikompli f'paġna 55*



**Il-Baruni u l-Burunessa Vella Haber**



**Il-Baruni Vella Haber mal-President Joseph Spiteri**



**Jirċievi Ġieħ ir-Repubblika mingħand L-ET Ugo Mifsud Bonnici**

# Kelinu Vella Haber

*ikompli minn paġna 54*

Wara li akkwista l-arma, għall-belt tal-Gżira, il-Baruni Vella Haber għażel ukoll il-motto tal-Gzira, *Recte Floreat*, jiġifieri "Twarrad fis-Sewwa".

Fl-1970 il-Baruni Vella Haber ippreżenta kopja ta' dawn id-dokumenti lill-Belt tal-Gżira f'ċerimonja li kienet saret fuq iz-zuntier tal-Knisja parrokkjali.

Fl-2007 l-Għaqda Mużikali Mount Carmel tal-Gżira ħatritu President Onorarju tas-soċjetà. F'intervista ppubblikata fir-rivista tal-Kunsill Lokali tal-Gżira, *L-Impenn*, fl-2013, il-Baruni Vella Haber kien stqarr li dan l-unur kien ferrħu ħafna. L-Għaqda Mużikali Mount Carmel kienet tellgħet kunċert fis-Sala Sir Temi Zammit *ad unur* tal-Baruni Vella Haber fl-okkażjoni ta' din il-ħatra. Dakinhar, taħt id-direzzjoni tas-Surmast George Debono, kien ġie esegwit għall-ewwel darba l-innu li l-Baruni Vella Haber kien kiteb għall-belt tal-Gżira.

Dakinhar il-Baruni Vella Haber ippeżenta uffiċċjalment id-dokumenti originali bl-arma civika tal-Gżira lill-President tal-Għaqda Mużikali Mount Carmel, is-Sur Joseph Spiteri.

Dawn id-dokumenti jinsabu fil-każin tal-banda. Il-Kumitat Ċentrali tal-Għaqda ħaseb biex dawn id-dokumenti jitħarsu u jiġu konservati kif jixraq billi permezz ta' att notarili, saru jappartjenu lill-Għaqda u għalhekk ebda individwu ma jista' qatt ikollu dritt għalihom jekk mhux il-Belt tal-Gżira kollha kemm hi.

Ftit wara li tħabbret il-mewt tal-Baruni Kelinu Vella Haber, l-Għaqda Mużikali Mount Carmel sellmet il-memorja tiegħu b'kunċert taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha, Mro George Debono, li kkompona marċ funebru dedikat lilu.

**Fir-ritratt t'hawn taħt jidher il-Baruni Vella Haber fl-okkażjoni tal-kisba tal-arma għall-Belt tal-Gżira fl-1970. Lemin Il-Kumitat tal-Kunsill Ċiviku mal-Baruni. Isfel: Delegazzjon mill-Għaqda Mużikali Mount Carmel waqt żjara lill-Baruni. Lemin, isfel, il-Kappillan Dun Ġużepp Theuma jiffirma d-dokumenti tal-arma ċivika tal-Gżira.**







